A.L. 279 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Regoli ta' l-2003 dwar sustanzi wżati ghall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 (1D)(b) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2003 dwar sustanzi wzati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jibdew iseħħu f'April, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"Bord ta' Kontroll Internazzjonali dwar in-Narkotiċi" tfisser il-Bord imwaqqaf bil-Konvenzjoni Waħdanijja ta' l-1961 dwar Narkotiċi, kif emendata bil-Protokol ta' l-1972 li jemenda l-Konvenzjoni Waħdanijja ta' l-1961 dwar Narkotiċi;

"destinatarju" tfisser persuna naturali jew ġuridika lil min jiġu kkunsinnati s-sustanzi skedati fil-pajjiż ta' destinazzjoni, u dik il-persuna tista' tkun differenti mill-konsumatur aħħari;

"operatur" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tkun topera fil-manifattura, l-ipprocessar, il-kummerċ jew id-distribuzzjoni ta' sustanzi skedati jew topera f'attivitajiet oħra relatati bħalma huma *brokering* u ħżin ta' sustanzi skedati; Kap. 101.

"l-Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"sustanza skedata" tfisser sustanza specifikata fit-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza, inklużi taħlitiet u prodotti naturali li fihom dawk is-sustanzi. Dan jeskludi medicini, preparazzjonijiet farmacewtici, taħlitiet, prodotti naturali jew preparazzjonijiet oħra li jkun fihom sustanzi skedati li jkunu komposti hekk li dawk is-sustanzi ma jkunux jistgħu jintużaw jew jiġu rkuprati faċilment b'mezzi li jistgħu jiġu applikati malajr jew b'mod ekonomiku;

"tqegħid fis-suq" tfisser kull provvista li ssir bi ħlas jew b'xejn lil terzi persuni ta' sustanzi skedati, manifatturati jew imqegħda f'ċirkolazzjoni libera.

Awtorità kompetenti.

3. Is-Suprintendent ikun l-awtorità kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Reġistrazzjoni u għoti ta' liċenzi lil operaturi.

4. (1) Il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, in-negozju bl-ingrossa, il-kummerċ, id-distribuzzjoni u l-użu tas-sustanzi skedati fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandhom ikunu soġġetti għall-pussess ta' liċenza maħruġa mis-Suprintendent. Il-provvista ta' dawk is-sustanzi tkun awtorizzata biss meta l-persuni lil min dawn ikunu ser jiġu fornuti jkunu speċifikament awtorizzati, sew ġeneralment sew individwalment, li jiġu fornuti, ikollhom jew imissu dawk is-sustanzi.

(2) Meta s-Suprintendent ikun qed jikkonsidra jekk għandux jagħti liċenza, huwa għandu b'mod partikolari jqis il-kompetenza u l-integrità ta' l-applikant. Il-liċenza tista' tkun sospiża jew revokata mis-Suprintendent kull meta jkun hemm tassew għaliex jaħseb li d-detentur ma jkunx għadu iktar persuna adatta u idonea li jkollha liċenza, jew li l-kondizzjonijiet li taħthom il-liċenza tkun maħruġa ma jkunux għadhom jgħoddu.

(3) Operatur li jkollu l-liċenza msemmija fis-subregola (1) għandu jforni sustanzi skedati speċifikati fil-kategoriji kollha tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza biss lill-persuni speċifikament awtorizzati li jkunu fornuti, ikollhom jew imissu dawk is-sustanzi.

(4) Operaturi li jkunu jaħdmu fil-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati fil-kategoriji kollha tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza jkunu meħtieġa jirreġistraw u jaġġornaw lis-Suprintendent

bl-indirizzi tal-postijiet mnejn ikunu qegħdin jimmanifatturaw jew jinnegozjaw dawn is-sustanzi.

Dmirijiet ta' l-operaturi.

5. L-operaturi għandhom id-dmir:

(a) li minnufih javżaw lis-Suprintendent b'kull ċirkostanza, bħal xi ordni u biċċa negozju mhux tas-soltu li jkunu jinvolvu sustanzi skedati, li jkunu jissuġġerixxu li dawk is-sustanzi maħsubin għall-importazzjoni, esportazzjoni jew transitu jistgħu jkunu divjati għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi;

(b) li jagħtu lis-Suprintendent dak it-tagħrif dwar negozju bħal dak li jkun jinvolvu sustanzi skedati skond ma s-Suprintendent ikun jista' jeħtieġ.

Awtorizzazzjoni li ssir esportazzjoni.

6. (1) L-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'Kategorija 1 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni maħruġa mis-Suprintendent għal kull sustanza individwali. Id-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni għandha ssir skond il-formola stipulata taħt l-Anness V li jinsab ma' dawn ir-regoli.

(2) Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (1) għandu jkun fihom dan it-tagħrif li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-esportatur, ta' l-importatur fil-pajjiż importatur, ta' kull operatur ieħor involut fl-operazzjoni ta' esportazzjoni jew tagħbija bħala merkanzija, u tad-destinatarju,

(b) l-isem tas-sustanzi skedati kif mogħtija f'Kategorija 1 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza,

(ċ) il-kwantità u l-piż tas-sustanza skedata u, meta din tkun tikkonsisti f'taħlita, il-kwantità u l-piż tat-taħlita kif ukoll as il-kwantità u l-piż jew il-persentaġġ ta' kull sustanza jew sustanzi elenkati fit-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza li jkun hemm fit-taħlita,

(d) dettalji dwar l-arranġamenti tat-trasport, u b'mod partikolari d-data mistennija meta x-xogħol ikun se jintbagħat, isem l-ufficcju tad-dwana fejn għandha ssir id-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni, u sakemm dak it-tagħrif ikun disponibbli f'dan l-istadju, identifikazzjoni tal-mezzi ta' trasport, l-itinerarju, il-post ta' ħruġ li se jkun hemm minn Malta u l-post ta' dħul ġewwa l-pajjiż importatur.

Fil-każ ta' paragrafu (7), għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni kopja tal-permess ta' importazzjoni maħruġ mill-pajjiż ta' destinazzjoni.

(3) Għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data meta s-Suprintendent jikkonsidra l-inkartament komplet. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż jekk l-awtoritajiet ikunu obbligati jagħmlu iktar riċerki biex jissodisfaw lilhom innifishom li l-importazzjoni tas-sustanzi tkun ġiet awtorizzata kif imiss.

(4) Mingħajr preġudizzju għal kull implimentazzjoni possibbli ta' miżuri ta' infurzar, l-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni hawn qabel imsemmija għandha tiġi miċħuda, jekk:

(a) ikun hemm tassew għaliex jiġi suspettat li t-tagħrif mogħti konformement mal-paragrafu 6 (2) ikun falz jew inkorrett;

(b) fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (7) jiġi stabbilit li l-importazzjoni tas-sustanzi skedati ma tkunx ġiet awtorizzata kif imiss mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni;

(ċ) ikun hemm tassew għaliex jiġi suspettat li s-sustanzi nvoluti jkunu maħsuba għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

(5) Jekk il-partikolaritajiet li jirrigwardaw l-itinerarju u l-mezzi ta' trasport ma jingħatawx fl-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu (7), l-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni għandha tkun tgħid li l-operatur għandu jforni dawn il-partikolaritajiet lid-dwana jew lil xi awtorità kompetenti oħra fil-post ta' ħruġ minn Malta qabel it-tluq attwali tal-kunsinna. F'każ bħal dan, l-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni għandha tiġi annotata skond dan fil-waqt tal-ħruġ.

(6) (a) Fil-każijiet kollha, l-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni għandha tintwera għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana meta ssir id-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni. Kopja ta' din l-awtorizzazzjoni għandha, barra minn hekk, tinthemeż mal-kunsinna sa l-uffiċċju tad-dwana fil-post ta' ħruġ tas-sustanzi skedati minn Malta. Dak l-uffiċċju għandu jdaħħal, fejn ikun adatt, il-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafu (5) flimkien mal-partikolaritajiet kollha meħtieġa u għandu jwaħħal it-timbru tiegħu fuq il-kopja ta' l-awtorizzazzjoni qabel ma jirritornaha lill-awtorità li tkun ħarġitha.

(b) Il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni ma jipprekludi ebda responsabbiltà amministrattiva jew responsabbiltà oħra possibbli tad-detentur ta' dik l-awtorizzazzjoni.

(c) L-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni tista' tkun sospiża jew revokata mis-Suprintendent kull meta jkollu tassew għaliex jissuspetta li s-sustanzi jistgħu jiġu devjati għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

(d) (i) Kull esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'Kategorija 1 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandha tiġi preċeduta b'avviż bil-quddiem ta' l-esportazzjoni li jintbagħat lill-pajjiż ta' destinazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 12(10) tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra t-Traffiku Illeċitu fin-Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tad-19 ta' Diċembru, 1988, u mar-Riżoluzzjoni 20/4 tas-Sessjoni Specjali ta' l-1998 fuq il-mediċinali, ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda. Il-pajjiż ta' destinazzjoni għandu jingħata perjodu ta' żmien ta' ħmistax-il ġurnata tax-xogħol li fih għandu jwieġeb, u fi tmiemu l-operazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun awtorizzata mis-Suprintendent, kemm-il darba ma jingħatax parir kuntrarju.

(ii) Is-Suprintendent għandu, qabel kull esportazzjoni ta' sustanzi skedati lill-pajjiż rikjedenti, jipprovdi t-tagħrif speċifikat fil-paragrafu 6(2) hawn qabel, lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż.

(iii) Is-Suprintendent għandu jeħtieġ li l-awtorità fil-pajjiż importatur li tkun qed tirċevi t-tagħrif għandha żżomm bħala kunfidenzjali kull sigriet tas-sengħa, tan-negozju, kummerċjali jew professjonali jew kull proċess kummerċjali li jkun imsemmi f'dak it-tagħrif.

(7) Kull meta, taħt ftehim bejn Malta u pajjiż importatur, ma għandhomx ikunu awtorizzati esportazzjonijiet kemm-il darba ma jinħariġx permess ta' importazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż importatur dwar is-sustanzi nvoluti, is-Suprintendent għandu jiżgura ruħu li kull importazzjoni tkun ġiet awtorizzata kif imiss, jekk dan ikun meħtieġ billi ssir talba għal konferma mingħand l-awtorità kompetenti tal-pajjiż importatur.

Ħtiġjiet ta' esportazzjoni speċifiċi: Kategorija 2 Tabella I.

7. (1) L-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'Kategorija 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni maħruġa skond subregoli (2) u (3) ta' din ir-regola mis-Suprintendent skond id-disposizzjonijiet li jkunu fis-seħħ.

(2) L-esportazzjonijiet imsemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandha tkun soġġetta *mutatis mutandis* għad-disposizzjonijiet tar-regola 6, kull meta dawn jidhru li jkunu maħsubin, direttament jew indirettament, għal xi pajjiż importatur li jkun ġie identifikat bħala pajjiż imħasseb dwar il-manifattura illeċita ta' dawk in-narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi bl-użu ta' dawk is-sustanzi skedati. Dik l-identifikazzjoni għandha tkun bażata, b'mod partikolari, fuq talba motivata li ssir minn dak il-pajjiż importatur li jkun imħasseb. Id-disposizzjonijiet tar-regola 6 għandhom ukoll japplikaw kull meta awtorizzazzjoni individwali miftuħa ma tkunx tista' tiġi maħruġa taħt is-subregola (3) ta' din ir-regola:

Iżda d-disposizzjonijiet tar-regola 6 għandhom ukoll japplikaw kull meta sustanza elenkata fl-Anness 1 tintbagħat għand operatur li jkun stabbilit f'pajjiż elenkat fl-istess Anness.

(3) Fil-każijiet l-oħra kollha, l-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'Kategorija 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza tista' tkun awtorizzata fuq talba ta' l-operaturi involuti fuq bażi globali bil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni individwali miftuħa. Id-deċiżjoni li tinħareġ awtorizzazzjoni bħal dik għandha tqis il-kompetenza u l-integrità ta' l-applikant flimkien max-xorta, il-volum u l-iskema ta' l-involviment tiegħu f'dawn is-sustanzi. F'każijiet bħal dawn, id-detentur għandu jimla d-dettalji ta' dik l-awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni rilevanti. Skond id-disposizzjonijiet stipulati mis-Suprintendent, li ssir bis-saħħa ta' l-awtorità li toħroġ b'awtorizzazzjoni tiegħu, id-detentur ta' dik l-awtorizzazzjoni għandu jagħti t-tagħrif dwar l-esportazzjonijiet .

(4) Awtorizzazzjoni individwali miftuħa msemmija fis-subregola (3) ta' din ir-regola tista' tkun sospiża jew revokata kull meta jkun hemm tassew għax wieħed jaħseb li d-detentur tagħha ma jkunx għadu persuna adatta u idonea li jkollha awtorizzazzjoni, jew li l-kondizzjonijiet li taħthom kienet maħruġa l-awtorizzazzjoni ma għadhomx aktar validi.

Ħtiġjiet ta' esportazzjoni speċifiċi: Kategorija 3 Tabella I.

8. (1) Ikun fejn ikun il-pajjiż importatur li lejh tkun maħsuba li ssir l-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'Kategorija 3 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza, sew direttament sew indirettament:

(a) li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun ħarġet permess ta' importazzjoni dwar il-kunsinna involuta; jew

(b) li jkun ġie identifikat bħala pajjiż imħasseb bil-manifattura illeċita ta' erojina jew kokajina fuq it-territorju tiegħu jew bħala pajjiż sensittiv għar-rigward tad-diverżjoni possibbli ta' dawk is-sustanzi,

dik l-esportazzjoni għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni maħruġa skond is-subregoli (2) u (3) mis-Suprintendent skond id-disposizzjonijiet li jkunu fis-seħħ.

(2) L-esportazzjonijiet ta' sustanzi msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandha tkun *mutatis mutandis* soġġetta għad-disposizzjonijiet tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli, kull fejn, taħt arranġamenti specifici maqbula mal-pajjiżi importaturi involuti, ikunu meħtieġa awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni u avviż minn qabel dwar l-esportazzjoni, għal kull operazzjoni. Id-disposizzjonijiet tar-regola 6 għandhom ukoll japplikaw kull meta ma tkunx tista' tiġi maħruġa awtorizzazzjoni individwali miftuħa skond is-subregola (3) ta' din ir-regola:

Iżda d-disposizzjonijiet tar-regola 6 għandhom ukoll japplikaw kull meta sustanza elenkata fl-Anness II tintbagħat lil operatur li jkun stabbilit f'pajjiż elenkat fl-istess Anness.

(3) F'ċirkostanzi adatti, l-esportazzjoni ta' sustanzi f'Kategorija 3 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza tista' tkun awtorizzata fuq bażi globali bil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni individwali miftuħa. Id-deċiżjoni li jiġu maħruġa, sospiżi jew revokati awtorizzazzjonijiet bħal dawk għandha tittieħed mis-Suprintendent wara li l-applikant ikun ta:

(a) dettalji tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali li jkollu fil-qasam ittrattat b'dawn ir-regoli u, fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem, il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali rilevanti tad-direttur jew tal-persuna responsabbli biex tiżgura li l-esportazzjonijiet ta' sustanzi skedati jsiru konformement mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli;

(b) dettalji fil-qosor ta' kull biċċa negozju ta' esportazzjoni tas-sustanzi skedati involuti li huwa jkun għamel fit-tnax-il xahar li jiġu qabel l-applikazzjoni, fejn jiġi speċifikat fil-każ ta' kull sustanza, l-għadd totali ta' kull biċċa negozju u l-ammonti esportati lejn kull pajjiż li dwarhom tkun meħtieġa awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni;

(ċ) dettalji dwar il-prekawzjonijiet li jkun ħa biex jipprevjeni d-diverżjoni ta' sustanzi skedati għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, u b'mod partikolari, l-arranġamenti biex titħares ir-regola 5 ta' dawn ir-regoli.

(4) L-awtorizzazzjoni għandha tkun sospiża jew revokata jew miċħuda, b'mod partikolari, jekk:

(a) ikun hemm tassew għaliex wieħed jissuspetta li t-tagħrif ma jkunx korrett;

(b) ikun hemm tassew għaliex wieħed jissuspetta li l-prekawzjonijiet li jittieħdu ma jkunux biżżejjed biex jipprevjenu d-diverżjoni ta' sustanzi skedati għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi jew biex wieħed jissuspetta li l-operatur jew il-persuna responsabbli fil-każ ta' persuna ġuridika, ma jkunux qegħdin jipprovdu ħarsien biżżejjed kontra r-riskju ta' diverżjoni.

(5) Minkejja li jkun hemm dik l-awtorizzazzjoni, jistgħu jkunu projbiti mill-awtoritajiet kompetenti operazzjonijiet ta' esportazzjoni individwali li jsiru bis-saħħa ta' l-awtorità mogħtija permezz ta' dik l-awtorizzazzjoni.

(6) Mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni li toriġina taħt ir-regola 4 ta' dawn ir-regoli, id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregola (1) hawn qabel għandu jħares kull obbligazzjoni li ġejja:

(a) jimla n-numru ta' din l-awtorizzazzjoni f'kull dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni rilevanti;

(b) idaħħal reġistrazzjoni fir-*records* ta' l-iktar tard meta l-kunsinna titlaq mill-post tal-fornitur għall-esportazzjoni;

(ċ) kull meta l-ħruġ ta' qabel ta' awtorizzazzjoni ta' mportazzjoni mill-pajjiż ta' destinazzjoni jkun ħtieġa biex isir il-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni, ir-reġistrazzjoni għandha jkun fiha n-numru, jekk ikun hemm, u l-post u d-data tal-ħruġ tal-permess ta' importazzjoni maħruġ mill-pajjiż ta' destinazzjoni; għandha tinżamm kopja ta' dan il-permess;

(d) jiżgura li mal-kunsinna tinthemeż kopja ta' l-awtorizzazzjoni f'kull waqt matul it-trasport;

(e) jagħti, sa tmiem kull tliet xhur, tagħrif fil-qosor fuq l-operazzjonijiet ta' esportazzjoni li jkunu saru taħt l-awtorizzazzjoni. Il-kontenut tat-tagħrif fil-qosor li jiġi stabbilit fid-dettall mis-Suprintendent għandu jkun fihom, bħala minimu, tagħrif fuq l-għadd ta' operazzjonijiet, sustanzi, kwantitajiet, u l-pajjiżi ta' destinazzjoni involuti. F'każ li dan it-tagħrif ma jingħatax, l-awtorizzazzjoni tista' tkun sospiża jew revokata;

(f) jgħarraf lis-Suprintendent b'kull bidla li tiġri għar-rigward tat-tagħrif mogħti, jew daqstant minnu skond ma jista' jkun specifikat mill-awtorità għal dan l-għan.

(5) Il-formola ta' l-awtorizzazzjoni individwali miftuħa msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandha tkun konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet li hemm fl-Anness VI li jinsab ma' dawn ir-regoli. Iktar minn hekk, tkun kondizzjoni għall-ħruġ ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet li, għal finijiet ta' kontroll, id-detentur għandu jżomm għall-ispezzjoni mis-Suprintendent, meta jkun adatt u dwar kull esportazzjoni, kopja tal-permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet tal-pajjiż importatur. F'każijiet ta' dubju, is-Suprintendent jista' jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet li jkunu ħarġu l-permess ta' importazzjoni.

Setgħat ta' l-awtorità kompetenti.

9. (1) Bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli 6, 7, 8 u 11 ta' dawn ir-regoli, kull persuna awtorizzata bil-miktub mis-Suprintendent kif imiss għandha, meta turi l-awtorizzazzjoni jew il-kredenzjali tiegħu, f'kull waqt ikollha d-dritt li -

(a) jkollha aċċess tispezzjona, tikseb u żżomm tagħrif u *informazzjoni bil-mitlub*, f'liema għamla tkun fuq is-sustanzi skedati jew operazzjonijiet li jkunu jinvolvu sustanzi skedati;

(b) jidħol f'kull post bil-għan li jaccerta ruħu jekk ikunx hemm jew kienx hemm jew x'aktarx ikun hemm xi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-miżuri stipulati f'regoli 6, 7 u 8 u fis-subregola (1) ta' din ir-regola, is-Suprintendent jista' jipprojbixxi l-introduzzjoni ta' sustanzi skedati ġewwa Malta jew it-tluq tagħhom minn Malta, jekk ikun hemm tassew għaliex wieħed jissuspetta li s-sustanzi jkunu maħsuba għall-manifattura illeċita ta' narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

Kontrolli effettivi f'żoni liberi.

10. Għall-iskop li ma jitħallewx isiru riskji speċifiċi ta' diverżjoni f'żoni liberi kif ukoll f'żoni sensittivi oħra bħal xi *bonded store*, l-operaturi għandhom jiżguraw li l-kontrolli fuq l-operazzjonijiet li jsiru f'dawn iż-żoni jkunu effettivi f'kull stadju ta' dawn l-operazzjonijiet u mhux inqas iebsin minn dawk li jsiru f'partijiet oħra tat-territorju tad-dwana.

Tiżmim ta' *records*.

11. (1) Kull biża negozju li twassal għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati f'Kategoriji 1 u 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandha tkun msejjsa hemm fuq dokumenti magħmulin minn *records* miktubin hemm fuq dawk elettronici.

(2) (a) Ir-*records* kollha għandhom ikunu miftuħa għall-ispezzjon tas-Suprintendent jew ta' kull uffiċċjal li jkun qed jagħmilha minfloku u, b'mod partikolari, dokumenti kummercjali bħalma huma fatturi, manifesti tal-merkanzija, dokumenti amministrattivi, dokumenti tad-dwana, dokumenti tat-trasport u ta' l-ivvjaġġar oħra għandu jkun fihom tagħrif biżżejjed biex jidentifikaw pożittivament:

(i) l-isem tas-sustanza skedata kif mogħtija f'Kategoriji 1 u 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza,

(ii) il-kwantità u l-piż tas-sustanza skedata u, meta din tkun tikkonsisti f'taħlita, il-kwantità u l-piż tat-taħlita kif ukoll il-kwantità u l-piż jew il- persentaġġ ta' kull sustanza jew sustanzi speċifikati f'Kategoriji 1 u 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza li jkunu qegħdin fit-taħlita, u

(iii) l-isem u l-indirizz tal-fornitur, id-distributur u d-destinatarju.

(b) Dawk id-dokumenti għandhom iktar minn hekk ikun fihom dikjarazzjoni mingħand il-klijent li jkunu juru kull użu speċifiku tas-sustanzi. Tkun meħtieġa dikjarazzjoni separata, kif speċifikata fl-Anness III li jinsab ma' dawn ir-regoli, għal kull sustanza f'Kategoriji 1 jew 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza.

(c) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ta' hawn aktar qabel ta' din is-subregola, klijent regolari l jikseb mingħand fornitur sustanza skedata specifikata f'Kategorija 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza jista' jipprovdi dikjarazzjoni unika, kif speċifikat fl-Anness IV li jinsab ma' dawn ir-regoli, li tkun tkopri kull biċċa negozju li tinvolvi dik is-sustanza tul żmien sena, iżda:

(i) il-klijent irid ikun wieħed li jkun fornih bis-sustanza għal mill-inqas tliet darbiet matul it-tnax-il xahar li jiġu qabel,

(ii) il-fornitur ma jkollux għaliex jissoponi li s-sustanza tkun se tintuża għal finijiet illeciti, u

(iii) il-kwantitajiet ordnati jkunu konsistenti mal-konsum tas-soltu ta' dak il-klijent.

(3) Kull obbligazzjoni taħt is-subregola (1) ta' din ir-regola ma għandhiex, madankollu, tkun tapplika għal biċċiet ta' negozju li jirrigwardaw sustanzi skedati f'Kategorija 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza meta l-kwantitajiet involuti ma jkunux jeċċedu dawk indikati fl-Anness VII li jinsab ma' dawn ir-regoli.

(4) L-operaturi għandhom jiżguraw li jitwaħħlu tikketti mas-sustanzi skedati f'Kategoriji 1 u 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza qabel ma dawn jitqegħdu fis-suq. Dawk it-tabelli għandhom juru l-ismijiet tas-sustanzi kif mogħtija fit-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza. L-operaturi jistgħu wkoll iwaħħlu t-tikketti tagħhom tas-soltu.

(5) L-operaturi għandhom iżommu dawk ir-*records* dettaljati ta' l-attivitajiet tagħhom skond ma jkunu meħtieġa biex titħares kull obbligazzjoni li għandhom taħt is-subregola (1) ta' dawn ir-regoli.

(6) Id-dokumenti msemmija fis-subregoli (1) u (5) ta' din ir-regola għandhom jinżammu għal żmien mhux inqas minn tliet snin minn tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun saret l-operazzjoni msemmija fis-subregola (1), u s-Suprintendent għandu jkun jista' jispezzjonahom meta jitlob li jagħmel dan mingħajr ebda xkiel.

ANNESS I

Sustanza	*Destinazzjoni*

ANNESS II

Sustanza	*Destinazzjoni*
Methylethyl ketone (MEK) Toluene Sulphuric acid [1]	Arġentina Bolivja Brażil Kolombja Ekwador Gwatemala Peru
Acetone Ethyl ether Hydrochloric acid [1]	Arġentina Bolivja Brażil Kolombja Ekwador Gwatemala Lebanon Iran Mijanmar Peru Singapor Turkija

[1] Huwa inkluż ukoll il-melħ ta' dawn is-sustanzi ħlief għal sulphuric acid u hydrochloric acid kull meta jkun possibbli li jeħisti dan il-melħ.

ANNESS III

Formola ta' dikjarazzjoni għal biċċiet ta' negozju individwali f'sustanzi ta' Kategorija 1 jew 2 kif speċifikat fit-Tabella I fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza

DIKJARAZZJONI MILL-KLIJENT TA' KULL UŻU SPEĊIFIKU TA' SUSTANZA SKEDATA TA' KATEGORIJA 1 JEW 2 (BIĊĊIET TA' NEGOZJU INDIVIDWALI)

Jien/Aħna,

Isem □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□.

Indirizz□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□ Awtorizzazzjoni/Liċenza/

Nru. ta' reġistrazzjoni jew riferenza([1]) □□□□□□□□□□□□

Maħruġa fi □□□□□□. minn □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□

(isem u indirizz ta' l-awtorita)

u valida sa/bla ebda limitu ta' żmien (imla kif meħtieġ)□□□□□□□□□□□□

ordnajt/na mingħand:

Isem □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□.

Indirizz□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□

din is-sustanza li ġejja: (isem u kodiċi NK) ([2])□□□□□□□□□□□□□□□.

(kwantita)□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□..

Is-sustanza se tintuża unikament għal □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□

Nikkonfermaw li s-sustanza msemmija hawn qabel se terġa' biss tinbiegħ jew xort'oħra tiġi fornuta lil klijent bil-kondizzjoni li l-klijent jagħti dikjarazzjoni dwar l-użu skond dan il-mudell jew, għal sustanzi ta' Kategorija 2, dikjarazzjoni li tkun tirreferi għal biċċiet ta' negozju multipli.

Firma□□□□□□□□□□□. Isem□□□□□□□□□□□..

(f'ittri kbar)

Kariga □□□□□□. Data□□□□□□□□□□□

([1]) Imla kif imiss

([2]) Kodiċi ta' Nomenklatura Kombinata

ANNESS IV

DIKJARAZZJONI MILL-KLIJENT TA' KULL UŻU SPEĊIFIKU TA' SUSTANZA SKEDATA TA' KATEGORIJA 2 (BIĊĊIET TA' NEGOZJU MULTIPLI)

Jien/Aħna,

Isem □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□.

Indirizz□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□ Nru ta' reġistrazzjoni jew riferenza □□□□□□..□□□□□□□□□□□□□□□□

Reġistrat fi □□□□ minn □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□

(isem u indirizz ta' l-awtorita)

u validu sa/mingħajr ebda limitu ta' żmien (imla kif meħtieġ) □□□□□□□□□□□□

bi ħsiebi/na nordna/w mingħand:

Isem □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□.

Indirizz□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□

din is-sustanza li ġejja: (isem u kodiċi NK) ([1])□□□□□□□□□□□□□□□□.

(kwantita)□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□..

Is-sustanza se tintuża unikament għal □□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□□u

din hija provvista li l-aħjar li nistgħu nikkalkulaw se sservi għal □xhur (mhux iżjed minn 12-il xahar).

Nikkonfermaw li s-sustanza msemmija hawn qabel tista' terġa' biss tinbiegħ jew xort'oħra tiġi fornuta lil klijent bil-kondizzjoni li l-klijent jagħti dikjarazzjoni dwar l-użu skond dan il-mudell jew dikjarazzjoni li tkun tirreferi għal biċċiet ta' negozju individwali.

Firma□□□□□□□□□□□□.　　　　Isem□□□□□□□□□□□□..

(b'ittri kbar)

Kariga □□□□□□□□□□□□□.　　　　Data□□□□□□□□□□□□

([1]) Kodiċi ta' Nomenklatura Kombinata

ANNESS V

1. KOPJA GĦALL-AWTORITA LI TAWTORIZZA

Awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni ta' sustanzi wżati fil-manifattura illeċita ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

<table>
<tr><td rowspan="2">1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td colspan="2">2.AWTORIZZAZZJONI
Numru: _____
Maħruġa (data): _____ (post):</td></tr>
<tr><td colspan="2">3.Data meta l-kunsinna mistennija li tintbagħat:</td></tr>
<tr><td>4. Importatur fil-pajjiż ta' destinazzjoni (isem u indirizz)</td><td colspan="2">5. Awtorita li tawtorizza (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td>6. Operatur/aġent ieħor (isem u indirizz)</td><td colspan="2">7. Uffiċċju tad-dwana fejn tkun se ssir id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">8. Destinatarju (isem u indirizz)</td><td>9.Post ta' ħruġ</td><td>10. Post ta' dħul ġewwa l-pajjiż importatur</td></tr>
<tr><td>11. Mezz ta' trasport</td><td>12. Itinerarju</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13a. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14a. Kodiċi NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15a. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16a. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17a. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13b. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14b. Kodiċi NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15b. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16b. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17b. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td>18. Dikjarazzjoni li jagħmel l-applikant

Isem: _____</td><td colspan="2">20.(Għandha timtela mill-uffiċċju tad-dwana fejn issir id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni)</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Li jirrappreżenta: _____(applikant)

Firma: _____

Data:_____</td><td>Numru tad-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-esportazzjoni_____

Timbru</td></tr>
<tr><td colspan="2">19. (Għandha timtela mill-awtorita li tawtorizza)

Kaxxa 17 tagħrif li għadu meħtieġ

Kaxxi 9, 10, 11, 12 tagħrif li għadu meħtieġ

Firma: _____

Kariga: _____

Data:_____

Timbru</td></tr>
</table>

Kaxxa 17 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le
Kaxxi 9, 10, 11, 12 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le

B 3600

2. KOPJA LI GĦANDHA TINTHEMEŻ MA' L-OĠĠETTI

Awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni ta' xi sustanzi wżati fil-manifattura illeċita ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

<table>
<tr><td rowspan="2">1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td colspan="2">2. AWTORIZZAZZJONI
Numru: _____
Maħruġa (data): _____ (post):</td></tr>
<tr><td colspan="2">3. Data meta l-kunsinna mistennija li tintbagħat:</td></tr>
<tr><td>4. Importatur fil-pajjiż ta' destinazzjoni (isem u indirizz)</td><td colspan="2">5. Awtorita li tawtorizza (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td>6. Operatur/aġent ieħor (isem u indirizz)</td><td colspan="2">7. Uffiċċju tad-dwana fejn tkun se ssir id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">8. Destinatarju (isem u indirizz)</td><td>9. Post ta' ħruġ</td><td>10. Post ta' dħul ġewwa l-pajjiż importatur</td></tr>
<tr><td>11. Mezz ta' trasport</td><td>12. Itinerarju</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13a. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14a. Kodiċi NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15a. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16a. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17a. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13b. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14b. KodiċI NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15b. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16b. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17b. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td>18. Dikjarazzjoni li jagħmel l-applikant

Isem: _____</td><td colspan="2">20. (Għandha timtela mill-uffiċċju tad-dwana fejn issir id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni)

Numru tad-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-</td></tr>
</table>

Li jirrappreżenta: _____(applikant) Firma: _____ Data:_____	esportazzjoni_____ Timbru

19. (Għandha timtela mill-awtorita li tawtorizza)

Kaxxa 17 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le
Kaxxi 9, 10, 11, 12 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le

Firma: _____

Timbru

Kariga: _____

Data:_____

3. KOPJA GĦALL-ESPORTATUR

Awtorizzazzjoni dwar l-esportazzjoni ta' sustanzi wżati fil-manifattura illeċita ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

<table>
<tr><td>1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td colspan="2">2. AWTORIZZAZZJONI
Numru: _____
Maħruġa (data): _____ (post):</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">3. Data meta l-kunsinna mistennija li tintbagħat:</td></tr>
<tr><td>4. Importatur fil-pajjiż ta' destinazzjoni (isem u indirizz)</td><td colspan="2">5. Awtorita li tawtorizza (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td>6. Operatur/aġent ieħor (isem u indirizz)</td><td colspan="2">7. Uffiċċju tad-dwana fejn id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni tkun se ssir (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">8.Destinatarju (isem u indirizz)</td><td>9. Post ta' ħruġ</td><td>10. Post ta' dħul ġewwa l-pajjiż importatur</td></tr>
<tr><td>11. Mezz ta' trasport</td><td>12. Itinerarju</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13a. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14a. Kodiċi NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15a. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16a. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17a. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td rowspan="4">13b. Isem sħiħ tas-sustanza li għandha tiġi esportata</td><td colspan="2">14b. KodiċI NK</td></tr>
<tr><td colspan="2">15b. Piż nett</td></tr>
<tr><td colspan="2">16b. % tat-taħlita</td></tr>
<tr><td colspan="2">17b. Numru tal-fattura</td></tr>
<tr><td>18. Dikjarazzjoni li jagħmel l-applikant

Isem: _____</td><td colspan="2">20. (Għandha timtela mill-uffiċċju tad-dwana fejn issir id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni)

Nru tad-dikjarazzjoni tad-dwana dwar l-</td></tr>
</table>

Li jirrappreżenta: _____(applikant) Firma: _____ Data:_____	esportazzjoni_____ Timbru

(Għandha timtela mill-awtorita li tawtorizza)

Kaxxa 17 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le
Kaxxa 9, 10, 11, 12 tagħrif li għadu meħtieġ	Iva	Le

Firma: _____

Timbru

Kariga: _____

Data:_____

B 3604

NOTI

1. Kaxxi 1, 3, 4 u 6 sa 18 inklużi għandhom jimtlew mill-applikant fil-waqt meta ssir it-talba; madankollu dak it-tagħrif skond ma hu meħtieġ fil-kaxxi 9 sa 12 u 17 jista' jingħata fi stadju ulterjuri, jekk it-tagħrif ma jkunx magħruf fil-waqt meta ssir it-talba. F'każ bħal dan, it-tagħrif għal kaxxa 17 għandu jiġi supplimentat sa mhux aktar tard minn meta ssir id-dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni u t-tagħrif supplimentari fil-kaxxi 9 sa 12 għandu jiġi mogħti lill-awtorita tad-dwana jew lil xi awtorita oħra fil-post ta' ħruġ qabel ma l-oġġetti attwalment jitilqu.

2. Kaxxi 1, 4, 6 u 8: Niżżel l-ismijiet u l-indirizzi sħaħ kif ukoll l-ismijiet tad-ditta.

3. Kaxxa 6: Niżżel l-isem u l-indirizz sħiħ ta' xi operatur ieħor involut fl-operazzjoni ta' esportazzjoni bħal xi trasportatur, *broker*, aġent tad-dwana.

4. Kaxxa 8: Niżżel l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna jew kumpanija li lilhom jiġu kkunsinnati l-oġġetti fil-pajjiż ta' destinazzjoni (mhux bilfors il-konsumatur aħħari)

5. Kaxxi 9 u 10 : Agħti l-isem tal-port, ajruport jew post fuq il-fruntiera skond ma jkun jgħodd.

6. Kaxxa 11: Speċifika kull mezz ta' trasport li jkun se jiġi użat (bħal *lorry*, bastiment, ajruplan, tren, eċċ.)

7. Kaxxa 12: Agħti kemm tista' dettalji tar-rotta li tkun se tittieħed.

8. Kaxxi 13 u 14: Niżżel kemm l-isem tas-sustanzi kemm il-Kodiċi NK, kif stipulat fit-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza.

9. Kaxxi 13a, 13b: Identifika bi preċiżjoni kemm pakketti kemm sustanzi (eż. 2 laned kull waħda ta' 5 litri). Fil-każ ta' taħlitiet, indika l-isem kummerċjali u t-tagħrif kwantitativ involut.

10. Kaxxa 18: Indika b'ittri kbar l-isem ta' l-applikant jew, meta jkun adatt, tar-rappreżentant awtorizzat minnu li jiffirma din l-applikazzjoni

    Il-firma ta' l-applikant jew tar-rappreżentant awtorizzat minnu, għandha tindika li l-persuna involuta tkun qegħda tiddikjara li l-partikolaritajiet kollha mogħtija fl-applikazzjoni imtlew b'mod korrett u sħiħ. Minħajr preġudizzju għal kull provvediment penali li jista' jiġi applikat, din id-dikjarazzjoni għandha tkun tekwivali għat-teħid ta' kull responsabbilta dwar:

- L-eżattezza tat-tagħrif mogħti fid-dikjarazzjoni
- l-awtentiċita ta' kull dokument li hemm mehmuż, u
- l-osservanza ta' kull obbligazzjoni li toħroġ mill-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati f'dawn ir-regoli

Kull meta l-awtorizzazzjoni tkun maħruġa permezz ta' proċedura komputerizzata, dik l-awtorizzazzjoni mhux ta' bilfors li jkun fiha l-firma ta' l-applikant f'din il-kaxxa, jekk f'tali applikazzjoni għandu jkun hemm dik il-firma

ANNESS VI

Awtorizzazzjoni individwali miftuħa għall-esportazzjoni ta' sustanzi elenkati f'Kategoriji 2 u 3 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza

1. Il-formola ta' awtorizzazzjoni individwali miftuħa hi l-istess bħal dik msemmija fl-Anness V.

2. Għandu jkollha mifruxa fuq il-paġna kollha, dawn il-kliem li ġejjin:

"Awtorizzazzjoni individwali miftuħa għall-esportazzjoni''

3. Huma biss il-kaxxi 1, 2, 5, 13 u 19 li għandhom jimtlew. Kaxxa 13 għandha timtela mill-lista ta' sustanzi skedati u pajjiżi ta' destinazzjoni awtorizzati.

ANNESS VII

Sustanza	*Limitu*
anthranilic acid u l-melħ tiegħu	1 kg
phenylacetic acid u l-melħ tiegħu	1 kg
piperidine u l-melħ tiegħu	0.5 kg